MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JOSEPH CASSAR

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2003

Numru 159/2002

**Il-Pulizija**
(Spettur M. Micallef)
**vs**

**Richard Borg**
**Frankie Pace**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:-
Richard Borg ta’ 31 sena iben Carmelo u Antonia nee’ Guzman imwieled il-Pieta fit-03 ta’ Awwissu 1970 u li joqghod gewwa il-hostle, fi Triq Borg, Paola, detentur tal-Karta ta’ l-identita bin-numru 351170 (M)

U

Frankie Pace ta’ 22 sena , iben Lawrence u Mary nee’ Psaila, imwieled il-Pieta’ fl-04 ta’ Lulju 1979 u li joqghod 75, Triq is-Sur, Senglea, detentur tal-Karta ta’ l-identita bin-numru 319679 (M).

Talli :-

Bil-hsieb li jikkommettu delit, urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, u cioe’ billi qalqghu l-iskorfini tal-batteries u l-wires minn fuq van bin-numru BAT 306 li kien ipparkjat f’ Mountbatten Street il-Hamrun, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom u liema tentattiv ta’ serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur-liema valur ma jaccedix l-elf lira Maltin, u dan ghad – detriment ta’ Noel Azzopardi.

**U Frankie Pace wahdu:-**

U aktar talli fil-Fgura u f’dawn il-Gzejjer, fl-04 ta’ Frar 2002 u fix-xahrejn ta’ qabel din id-data:-

Kellhu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-medicini peikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozzizzjonijiet tar-raba (4) u s-sitt (6) taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jippruva li d-droga msemmija kienet giet fornuta lilhu ghall-uzu tieghhu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**U Richard Borg wahdu:-**

U aktar talli huwa ricediv b’diversi sentenzi datati 5.05.2000, 15.12.97, 23.02.93, 04.05.93, moghtija mill-

Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definnitivi u ma jistghux jigu mibdula.

U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet moghtija lilu minn Qorti tal-Magistrati b'sentenza datata 12.10.2001 meta kien gie misjub hati u liberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien stipulat mil-Qorti.

**U Frankie Pace wahdu**

U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati b'sentenzi datati 18.7.2000, 16.6.2001, meta kien gie misjub hati u liberat taht il-kundizzjoni li ma jaghmilx reta iehor fi zmien stipulat mill-Qorti.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzati ma oggezzjonawx li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja quddiem din il-Qorti.

Rat li l-akkuzati ammettew l-akkuzi migjuba kontrihom.

Issibhom hatja.

Rat li fil-konfront ta' Richard Borg l-artikolu 41(1) (a), 261, 263, 267, 271 u l-fatt li hu recediv u li kiser 'probation' ghal-hatjin.
Tikkundannah tlett mitt lira Maltija (Lm300) multa li ghandha tithallas fi zmien sitt xhur minn illum u jekk ma tithallasx tinqaleb f'piena ta' prigunerija.

Rat fil-konfront ta' Frankie Pace l-ewwel skeda tal-Kapitolu 101(Taqsimiet 4 u 6), ir-regolament 8 tal-G.N. 292/1939 emendati bl-ordinanza dwar il-Medicini perikoluzi (Kapitolu 101) u l-artikolu 41 (1) (a), 261, 263, 267, 271 u li kiser il-kundizzjonijiet ta' ordni ta' 'probation'.

Tikkundannah mitejn u hamsin lira Maltija (LM 250) multa li ghandha tithallas fi zmien sitt (6) xhur minn illum u f'nuqqas ta' hlas titbiddel f'piena ta' prigunerija.

(ft) Dr Joseph Cassar
MAGISTRAT

---------------------------------TMIEM---------------------------------